# Kunsill Lokali L-Imġarr

22, Triq Sir Harry Luke, Mgarr, MST 10, Malta.
Tel : +356 21 520 011, +356 27 520 011 Fax : +356 21 522 252
E-Mail : mgarr.lc@gov.mt


## Seduta numru 54 tas-Sitt Leġislatura
## Illum it-Tlieta 22 ta' Jannar 2013

**MINUTI**

Il-Membri eletti fl-elezzjonijiet lokali ltaqgħu fl-Uffiċċju Amministrattiv fil-5.30p.m. fuq l-Aġenda segwenti:

1. Approvazzjoni tal-Minuti
2. Korrispondenza
3. Kommunikazzjonijiet
4. Update tal-proġett tal-PPP
5. Preparamenti Ġieħ l-Imġarr
6. Affarijiet Mixxellanji

Kienu preżenti is-Sindku Paul Vella, Id-Deputat Sindku Eman Vella, Il-Kunsillier Clayton Gauci, il-Kunsilliera Maria Said u l-Kunsillier Giovann Gatt, flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv Cyprian Dalli.

Il-laqgħa giet immexxija mis-Sindku, Paul Vella.

Il-Kunsill ħa nota tal-offerti kollha u ddeċida li jqabbad lill-Perit tal-Kunsill biex jipprepara rapporti tekniċi u jagħti l-parir tiegħu dwar l-offerti miġbura.

Hawnhekk, is-Seduta tkompliet skont l-aġenda.

**1 Minuti**

1.1 Il-Minuti ġew meqjusa moqrija u wara konsiderazzjoni ġew approvati kif ippreżentati u għalhekk iffirmati mis-Segretarju Eżekuttiv u s-Sindku.

1.2 Eman Vella semma' li xi uħud kienu kkummentawlu li il-ġurnata tal-Ġimgħa mhix waħda idejali għall-ftuħ tad-Day Care Centre peress li dak in-nhar ħafna mill-

Kunsill Lokali L-Imġarr
22, Triq Sir Harry Luke, Mgarr, MST 10, Malta.
Tel : +356 21 520 011, +356 27 520 011    Fax : +356 21 522 252
E-Mail : mgarr.lc@gov.mt

anzjani ikollhom faċendi tad-dar fosthom tindif u ħasil. Paul Vella rrisponda li għallissa id-data ġiet mgħotija lilna imma hemm il-ħsieb li 'l quddiemdan iċ-ċentru ser jibda' jinfetaħ aktar ta' spiss.

## 2 Korrispondenza

2.1 Ġew innuttati diversi memos mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

2.2 Ġew innuttati diversi korrispondenzi u notifikazzjonijiet mingħand il-MEPA.

2.3 Korrispondenza mingħand Gutenberg Press dwar il-Ktieb għall-Ġieħ l-Imġarr. Il-kwotazzjoni għall-dan il-ktieb telgħet għall-aktar minn 800 Ewro. Il-Kunsill iddeċieda li għall-issa ma jidħolx għall-din l-ispiza u jara possibiltajiet differenti.

2.4 Is-Segretarju Eżekkutiv informa li kien ser jagħmle laqgħa mal-kumpanija Waldonet dwar l-invoices li kienu qed jintbgħatu lill-Kunsill u s-servizzi tagħhom.

## 3. Komunikazzjonijiet

3.1 Is-Sindku informa li kellu laqgħa il-MEPA dwar il-proposta tal-Via Sagra fi' Triq iċ-Ċimiterju. Is-Sindku ħabbar li kien hemm żvilluppi pożittivi u li kien talab lill-perit ta' dan il-proġett (EMDP) biex jagħmel rapport dwar il-pożizzjoni tal-Kunsill qabel is-smigħ li jmiss u d-deċiżżjoni li hija antiċipata għall-Marzu.

## 4. Update tal-proġett tal-PPP

4.1 Is-Sindku kif ukoll is-Segretarju Eekuttiv kellhom diversi laqgħat kemm mad-Dipartiment tal-Gvern Lokali, mal-Perit kif ukoll mal-kuntrattur dwar l-istimi tal-proġett, speċjalment minħabba r-rati għoljin kkwotati.

4.2 Is-Sindku ippropona li, kif kien diġa' ddiskuta mad-dipartiment tal-Gvern Lokali, hemm il-ħsieb li jsir parti mix-xogħol previst, f' dawk it-toroq fejn l-aktar li hemm bżonn urġenti ta' xogħol, jiġifieri fit-toroq Amarozz, Aruna u Karamelli. Triq San Pietru issir jekk ikun hemm fondi adekwati biex din issir.

4.3 Saret ukoll spezzjoni fuq is-sit minn dawk kollha hawn fuq imsemmija u d-Deputat Sindku, Eman Vella, fejn reġgħu ittieħdu il-qisien tat-toroq in kwistjoni. Il-Kuntrattur ser idaħħal għalhekk rati ġodda ta' spejjes biex il-Kunsill ikun jista jevalwahom.

**Kunsill Lokali L-Imġarr**
22, Triq Sir Harry Luke, Mgarr, MST 10, Malta.
Tel : +356 21 520 011, +356 27 520 011 Fax : +356 21 522 252
E-Mail : mgarr.lc@gov.mt

## 5. Preparamenti Ġieħ l-Imġarr

5.1 Ingħata update tal-preparamenti li kienu qed isiru għall-Ġieħ l-Imġarr li kien ser isir fit-3 ta' Frar.

5.2 Il-Kunsill kien ser jitlaqqa' fid-29 ta' Jannar biex jevalwa in-nominazzjonijiet li jkun irċievi u jiddeċiedi fuq il-Ġieħ u ir-Rikonnoxximenti.

5.4 Ser jiġi avviċinat ukoll Karl Borg Ltd biex jinġieħu heaters għall-waqt is-serata kif ukoll l-ETC għall-pjanti li jżejnu l-post.

## 6. Affarijiet Mixxellanji

6.1 Paul Vella semma' li kien hem mtalba għall-żewġ bozzoz fuq arbli fi' Triq San Pietru. Il-Kunsill qabel u se jsiru l-applikazzjonijiet ghalihom.

6.2 Clayton Gauci ressaq talba f' isem il-United Bar & Restaurant biex il-Ħadd 27 Ta' Jannar ikollu żona riservata mal-ġenb tal-Knisja Parrokkjali. Dan peress li kienu ser ikun hemm karozzi antiki pparkjati quddiem il-post u li fl-istess ħin din isservi ta' eżibizzjoni għall-dawk li għandhom għall-qalbhom dan it-tip ta' karozzi. B' kollox ser ikun hemm madwar 10 karozzi antiki.

6.3 Eman Vella semma' li kien hemm bżonn li ssir mera' ta' 90 fil-kantuniera ta' Triq Sir Temi Zammit ma' Triq iż-Żebbiegħ. Il-Kunsill approva.

## Aġġornament

Il-laqgħa ntemmet fit-8 :10pm u ġiet aġġornata għal-Erbgħa 13 ta' Frar fil-5.30pm, fil-bini tal-Uffiċċju Amministrattiv. Dak in-nhar ser tgħalaq is-sejħa għall-kwotazzjonijiet għas-servizz tal-ħitan tas-sejjieħ tal-proġett CYPFIRE.

***Cyprian Dalli***
Segretarju Ezekuttiv

***Paul Vella***
Sindku